# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI

**Illum il-Ġimgħa, 9 ta' Novembru 2018**

**Kawża Nru: 17**

**Ċit. Nru: 1329/02 JA**

**Louis u Maria Anna konjuġi Sciberras**

**-vs-**

**S T Microelectronics (Malta) Ltd.**

## Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni tal-atturi datata 25 ta' Novembru 2002 fejn premettew:

Illi l-attur Louis Sciberras huwa impjegat bħala *"foreman"* mas-soċjeta' konvenuta addett mill-manutensjoni mekkanika u elettrika tal-impjanti tal-fabbrika tal-istess soċjeta' konvenuta li tinsab Ħal-Kirkop;

Illi bħala *employer* tal-attur Louis Sciberras is-soċjeta' konvenuta naqset fid-dmir tagħha li tiżgura li jittieħdu l-miżuri u l-

prekawzjonijiet raġonevoli kollha sabiex l-ambjent tax-xogħol fl-imsemmija fabbrika tagħha jkun raġonevolment favorevoli għas-saħħa u ħieles, sa fejn huwa evitabbli, minn dak li jikkaġuna tensjoni fisika jew psikoloġika (Art.8 [1] (b) tal- Kap. 367 tal-Liġijiet ta' Malta);

Illi bħala *employer* tal-attur Louis Sciberras, is-soċjeta' konvenuta naqset milli tieħu dawk il-miżuri kollha prattiċi fl-imsemmija fabbrika tagħha sabiex tiżgura, b'mod prattiku u raġonevoli, mingħajr perikolu u mingħajr riskju għas-saħħa tal-istess attur (Art.49 [1] u [3] (a) tal-Avviż Legali 52 tal-1986);

Illi minħabba n-nuqqas tas-soċjeta' konvenuta fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tagħha fuq riferiti bħala *employer* tal-attur Louis Sciberras kif ukoll ħtija tal-imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti da parti tagħha (Art. 1031 u 1032 [1] tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta), l-istess Louis Sciberras waqt il-qadi tad-dmirijiet tiegħu fuq ix-xogħol bħala mpjegat tas-soċjeta' konvenuta ġarrab ħsara mentali u fisika serja u debilitanti kif jirriżulta mill-anness ċertifikati mediċi markati Dok 'LS1' sa 'LS 3';

Illi konsegwenza ta' dawn il-fatti, l-atturi ġarrbu danni li jiġu pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawża ;

Illi s-soċjeta' konvenuta, interpellata permezz ta' ittra uffiċjali tat-3 ta' Ottubru 2002, biex tagħmel tajjeb għad-danni subiti mill-atturi, baqgħet inadempjenti;

Tgħid għalhekk is-soċjeta' konvenuta għaliex din il-Qorti m'għandhiex :-

1. Għar-raġunijiet kollha premessi, tiddikjaraha unikament responsabbli għad-danni kollha li ġarrbu l-atturi konsegwenza tal-ħsara mentali u fiżika serja u debilitanti li sofra l-attur Louis Sciberras waqt il-qadi ta' dmirijietu tiegħu fuq ix-xogħol bħala impjegat tas-soċjeta' konvenuta;

2. Tillikwida d-danni tal-atturi *occorrendo* bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundannaha sabiex tħallas lill-atturi dak l-ammont li jiġi dikjarat bħala dovut lilhom *in linea* ta' danni.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Ottubru 2002, u bl-imgħax legali kontra s-soċjeta' konvenuta li hija nġunta għad-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta ST Microelectronics (Malta) Ltd. datata 4 ta' Frar 2003 li permezz tagħha eċċepiet:

1. Illi talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, *stante* li mhux veru li hija bħala *employer* tal-attur naqset fid-dmir tagħha li tiżgura li jittieħdu miżuri u l-prekawzjonijiet raġonevoli kollha sabiex l-ambjent tax-xogħol fil-fabbrika tagħha ikun raġonevolment favorevoli għas-saħħa u ħieles, sa fejn huwa evitabbli minn dak li jikkaguna tensjoni fiżika jew psikoloġika fit-termini tal-artikolu 8 (1) (b) tal-Kap 367 tal-Liġijiet ta' Malta u stanti wkoll li mhux veru li hija naqset li tieħu dawk il-miżuri kollha prattiċi fil-fabbrika tagħha sabiex tiżgura, b'mod prattiku u raġonevoli, is-saħħa tal-attur fuq ix-xogħol u lanqas ma huwa veru li hija naqset milli żżomm sistema tax-xogħol li tkun b'mod prattiku u raġonevoli mingħajr perikolu u mingħajr riskju għas-saħħa tal-attur fit-termini tal-Artikolu 49 (1) u 3 tal-avviż legali 52 tal-1986 u *stante* li kif jiġu ippruvat fit-trattazzjoni tal-kawża lanqas ma hija ħatja ta' xi imprudenza, imperizja jew inosservanza tar-regolamenti a tenur tal-artikoli 1031 u 1032 (1) tal-Kap fir-rigward tal-attur, u għal dawn ir-raġunijiet is-soċjeta konvenuta mhiex bl-ebda mod responsabbli għad-danni li qed jippretendu l-atturi fil-kawża odierna u għalhekk t-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti minn din il-Qorti Onorabbli bl-ispejjeż kontra tagħhom.

2. Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' konvenuta ST Microelectronics (Malta) Ltd u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri tas-soċjeta' konvenuta ST Microelectronics (Malta) Ltd preżentata fit-23 t'April 2018 fejn:

Teċċepixxi bir-rispett u l-avukat John Buttigieg fil-kwalita tiegħu ta' segretarju tal-istess soċjeta konvenuta u għan-nom u fl-interess tal-istess soċjeta' konvenuta bil-ġurament tiegħu jikkonferma dawn il-fatti minnu personament magħrufa.

Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet oħra ġja' mogħtija s-soċjeta' konvenuta qiegħda wkoll teċċepixxi li l-azzjoni attriċi hija preskritta a tenur tal-artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' konvenuta ST Microelectronics (Malta) Ltd.

Ikkunsidat:

Illi kif issemma l-Qorti issa għandha quddiemha t-talba attriċi għad-danni għar-raġunijiet indikati fiċ-ċitazzjoni. Is-soċjeta' konvenuta issollevat il-preskrizzjonijiet indikati mill-artikolu 2153, 2154 (1) u 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili.

Illi l-artikolu 2153 jirreferi għal danni mhux derivanti minn reat; l-artikolu 2154 (1) għal danni derivanti minn offiżi kriminali; l-artikolu 2156 (f) li jirreferi għal djun kummerċjali li jsemmi allura preskrizzjoni ta' ħames snin. Infatti, għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-ligi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri:

(a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għamil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ, iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat;

(b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kważi delitt (l-hekk msejħa *culpa aquiliana*), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn [prinċipju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili]; u

(c) azzjoni għall-ħsarat mnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' kuntratt li mhux imfisser f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames snin [ara, per eżempju s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-27 t'April, 1953, fil-kawza fl-ismijiet **"Joseph Micallef nomine vs Carmelo Cassar"** (Kollez. Vol: XXXVII.i.140)

Illi hu stabbilit ukoll fil-ġurisprudenza illi min iqajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni jeħtieġlu jipprova l-perkors taż-żmien statutorju li jiddefinixxi liema terminu preskrittiv kien japplika għall-fatti in kawża. (Ara **"Jeremy Holland nomine -vs- Joseph Chetcuti"**, Appell, 25 ta' Frar 2000.) Fatti li jridu jirriżultaw mill-atti u mhux minn dawk li kellhom jew setgħu nġiebu u baqgħu ma tressqux **"Busuttil vs Water Services Corporation"**, Appell Inferjuri, 12 ta' Jannar 2005).

Illi huwa prinċipju magħruf f'materja ta' preskrizzjoni illi t-terminu tal-preskrizzjoni tad-dritt għar-riżarċiment tal-ħsara minħabba fatt illeċitu jiddekorri mill-mument li fih il-ħsara timmanifesta ruħha esternament u ssir oġġettivament perċepibbli u magħruf. F'dan il-kuntest l-Artikolu 2137 tal-Kap 16 kjarament jiddisponi illi *"l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata, mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss".*

Illi kif jinsab ritenut fid-deċiżjoni fl-ismijiet **"Diego Attard et nomine –vs- Angelo Fenech"**, Appell Kummerċjali, 15 ta' Frar 1965*, "l-impossibilta' li wieħed jaġixxi trid tkun impossibbilta' indipendenti mill-volonta' tiegħu, dovuta għal kawża estranea, li huwa ma setax jirrimwovi. Is-sempliċi injoranza tad-dritt, fiha nfisiha, mhiex impediment ta' din ix-xorta .. ."*

Illi ġie stabbilit ukoll li f'każ fejn jiġi allegat li l-ħsara tnisslet minn nuqqas ta' xi parti li twettaq l-obbligazzjonijiet tagħha fuq kuntratt, iż-żmien tal-preskrizzjoni ta' ħames snin jibda għaddej minn dakinhar li sseħħ il-ħsara [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-30 ta' Jannar 1911, fil-kawza fl-ismijiet **"Dr Francesco Buhagiar nomine vs Enrico Denicola nomine et"** (Kollez. Vol: XXI.i.51)], iżda mhux minn dakinhar li l-imġarrab intebaħ bil-ħsara li ġratlu [ara sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta' Ġunju 1957, fil-kawża fl-

ismijiet **"Paolo Cordina vs Joseph Galea"** (Kollez. Vol: XLI.i.440)

Illi għalhekk minħabba li l-preskrizzjoni mressqa mill-konvenuta hija waħda estintiva tal-azzjoni attriċi, jidħol fis-seħħ il-prinċipju li ż-żmien preskrittiv jgħaddi biss minn dakinhar li jkun tnissel id-dritt jew setgħet tiġi mibdija l-azzjoni meqjusa biex tħares dak id-dritt. Dan il-prinċipju huwa mibni fuq il-massima li *actioni non natae non praescribitur*. L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier jgħallmu li: *"Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere…* (cfr. Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione Cap XII. Par 364 pag 279). Iżjed 'il quddiem iżidu jgħidu illi *"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale"* (op. Cit. Par 393bis, pag 306);

Illi gie stabbilit ukoll li għall-finijiet tal-artikolu 2137, iż-żmien li fih l-azzjoni jmissha tinbeda titqies minn ċirkostanzi oġġettivi u mhux minn x'jaħseb l-imġarrab, u li ċertament in nuqqas ta' għarfien tal-liġi m'huwiex raġuni valida biex jingħad li l-azzjoni ma setgħetx issir qabel [ara sentenza Prim' Awla tal-25 t'April 1964 fil-kawża fl-ismijiet **"Alfred Delia vs John Testaferrata Abela"** (kollez. Vol: XLVIII.ii.959). (Ara wkoll is-sentenza **"Grech vs Borg"**, deċiża mill-Prim' Awla fl-14 ta' Ġunju 2001).

FATTI TAL-KAŻ

**Il-Provi Proċesswali**

Illi għall-aħjar intendiment tal-fatti u tal-provi proċesswali, l-atturi ser jgħaddu sabiex jelenkaw kronoloġija tal-fatti kif seħħew tul is-snin li Louis Sciberras kien impjegat mas-soċjeta' intimata sakemm ġew intavolati l-proċeduri odjerni hekk kif debitament ippruvati.

- Illi fit-**<u>3 ta' Awissu 1992</u>** l-attur Louis Sciberras beda jaħdem mas-soċjeta' intimata bħala *"Plants Facilities Foreman"*.

- F'**<u>Lulju 1997</u>**, l-attur Louis Sciberras ġie riferut l-Isptar San Luqa ġewwa Gwardamangia mill-Kirurgu Mr. Arthur Felice sabiex isirulu testijiet għall-uġigħ abdominali (*vide* dokument immarkat Dok. PRS 001). Mr. Felice ċċertifika lill-imsemmi attur b'*appendicitis*, għalkemm l-istess kirurgu, skond ir-*referral* tiegħu, ried ukoll jeskludi ulċeri fl-istonku u ġebel fil-marrara kif ukoll xi kundizzjonijiet fiżiċi oħra li jippreżentaw uġigħ simili, Wara li saru t-testijiet skond kif mitlub fl-imsemmija ittra ta' referenza, kien irriżulta kollox fin-negattiv.

- F'**<u>Ottubru 1991</u>**, l-attur Louis Sciberras reġa' rrikorra għand Mr. Arthur Felice li ppreskriva l-mediċina Deanxit u Fibogel u reġa' rreferih l-isptar (*vide* dokument immarkat Dok. PRS 003) għal numru ta' testijiet li kienu jinkludu l-użu ta' strumenti interni.

- F'**<u>Novembru 1999</u>** saru t-testijiet suriferiti fuq l-attur Louis Sciberras ġewwa l-isptar San Luqa fejn irriżulta li kellu infezzjoni fl-istonku tiegħu (*vide* dokument immarkat Dok. PRS 004). Bħala kura, fil-**<u>25 ta' Novembru 1999</u>**, Sciberras kien ingħata antibijotiċi u xi mediċini oħra li jnaqqsu l-aċtu fl-istonku (*vide* dokument immarkat Dok. PRS 005) u dan minn Dr. Saviski, assistent kirurgu ta' Mr. Arthur Felice. Iżda jirriżulta li l-imsemmi Dr. Saviski waqqaflu d-Deanxit u l-Fibogel li kien ippreskriva preċedentement Dr. Felice għaliex, mill-investigazzjonijiet li sarulu, ġie konluż li <u>l-uġigħ li Louis Sciberras kien qiegħed ibagħti bih fil-ġenb ta' żaqqu kien ikkawżat minn infezzjoni fl-istonku</u> (*vide* dokument immarkat Dok. PRS 005).

- Fid-**<u>9 ta' Settembru</u>**, Mr. Arthur Felice reġa' ċċertifika lill-attur Louis Sciberras b'*abdominal and pelvic pain* in segwitu oħra privata. F'din imsemmija vista, Felice ppeskrivielu mediċina Typtizol (25mg) għal perjodu ta sena (*vide* dokument immarkat Dok. PRS 006). Madanakollu, l-imsemmi attur ħa tali mediċina għal perjodu ta' tliet ġimgħat biss l-għaliex kienet ħalliet effetti negattivi fuqu. Barra minn hekk, it-tabib inkarigat mis-soċjeta' intimata – Dr. Jean Carl

Soler – kien ukoll tah il-parir li kellu jwaqqaf din l-imsemmija mediċina u jikkonsulta mat-tabib tal-familja Dr. Michael Borg.

- Fil-**31 ta' Ottubru 2000**, l-imsemmi attur ikkonsulta ma' Dr. Michael Borg kif propju kien irrakkomandalu Dr. Jean Carl Soler. Dr. Borg kien tal-opinjoni li l-aħjar mediċina għas-sintomi li beda jħoss kienet propju s-Seroxat u għaldaqstant ppreskrivhielu għal sena.

- **Kwazi sena wara tali konsulta,** fid-**29 ta' Awissu 2001**, Louis Sciberras mar għall-ewwel darba għand il-psikjatra Dr. Joseph Cassar li, **għall-ewwel darba f'ħajtu**, spjegalu li kien qiegħed ibagħti minn dipressjoni/anzjeta' minħabba x-xogħol stressanti tiegħu. Konsegwentement, Dr. Cassar żiedlu d-doza tas-Seroxat u, wara żmien relattivament qasir, ippreskiva l-mediċina Venlafaxine.

- Fit-**3 ta' Settembru, 2001**, Dr. Jean Carl iċċertifika lil Louis Sciberras bil-kundizzjoni tad-dipressjoni.

- Bl-istess mod, fl-**10 ta' Settembru 2001**, Dr. Michael Borg ukoll iċċertifka lill-imsemmi attur bil-kundizzjoni tad-dipressjoni.

- Fit-**3 ta' Ottubru 2002**, l-atturi interpellaw lis-soċjeta' intimata permezz ta' ittra uffiċjali, liema ittra uffiċjali ġiet debitament notifikata fit-**8 ta' Ottubru 2002**.

- Min-naħa tagħha, fil-**15 ta' Ottubru 2002** l-imsemmija soċjeta' intimata rrispinġiet il-pretenzjonijiet tal-atturi kontenuti fl-interpellanza ġudizzjarja appena riferita.

- Għalhekk, fil-**25 ta' Novembru 2002**, l-atturi ntavolaw il-proċeduri odjerni quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Illi ma hemmx dubju li sa mill-1994 l-attur beda jsofri minn uġigħ u taqlib (affidavit tiegħu preżentat f'Settembru 2003).

Fl-1999 Dr Felice orndalu jieħu ċerti pilloli. Madankollu fil-*medical record* tiegħu (Dok 'PRS 010') dijanosi ta' dipressjoni ġiet datata 3 ta' Settembru 2001. Skont ix-xhieda tas-*senior manager* tas-soċjeta' konvenuta Albert Fenech, għalkemm l-attur kien beda jieħu ħafna *leave* sa mill-1995, qabel l-2001 ebda waħda mill-mardiet ma kienet ta' natura mentali. Anke skont il-psikjatra Dr. Dimech, ma jidhirx li l-attur kien ġie trattat għal xi problemi ta' din in-natura.

Illi l-Qorti jidhrilha li x-xhieda ta' Dr. Dimech u ċ-ċertifikati li irrilaxxa huma dettaljati biżżejjed biex jindikaw li l-attur seta' kien konoxxenti tal-fatt li kien qed ibati minn dan il-mard li wasslu biex jistitwixxi din il-kawża, appuntu fis-sena 2001. Għalhekk bl-ebda mod ma l-azzjoni tiegħu tista' tkun preskritta taħt l-artikoli fuq indikati u l-Qorti ma għandhiex għalfejn tidħol ulterjorment fil-kwistjoni.

**DEĊIŻJONI**

**Illi għalhekk il-Qorti tiddisponi mill-eċċezzjonijiet ulterjuri tas-soċjeta' konvenuta fuq imsemmija billi tiċħadhom u tordna t-tkomplija tal-kawża.**

**Spejjeż ta' dan l-inċident riservati għall-ġudizzju finali.**

**Moqrija.**

**Joseph Azzopardi**
**S.T.O. Prim Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**